MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 317/2007

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C B u b' digriet tas-27 ta' Awissu 2007 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tieghu l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratrici Legali Louisa Tufigno, u b' digriet sussegwenti tas-17 ta' Gunju 2009 dawn gew estromessi mill-kawza, stante li l-istess konvenut assuma l-atti personalment**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu gewwa Catania fi Sqallija l-Italja fl-24 ta' Dicembru 1996, liema gie debitament registrat gewwa Malta.

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut.

Illi miz-zwieg twieldet tifla wahda, ossia F B li ghadha minuri.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontedenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

6. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghall-kunjomha ta' xebba u cioe' Camilleri.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-kuraturi deputati li biha nformaw lil Qorti li f' dak l-istadju ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri;

Rat li, ghalkemm il-konvenut assuma l-atti tal-kawza, huwa ma talabx li jipprezenta risposta guramentata ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet imputabbli unikament lil dan fit-termini ta' l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Taljan, fl-Italja fl-24 ta' Dicembru 1996, u f' dan iz-zwieg twiedet it-tifla F B fl-4 ta' Ottubru 1995.

Illi wara z-zwieg fis-sena 1997 huma marru joqghodu l-Italja, izda sussegwentement, minhabba l-inkwiet matrimonjali li kienu qed jesperjenzaw il-partijiet, l-attrici nizlet Malta bit-tifal f' Jannar 2000, u wara ftit nizel il-konvenut ukoll. Peress li l-inkwiet bejn il-partijiet zdiet, l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret ghand ommha ghal ftit taz-zmien, izda wara ftit regghet irritornat lura. Sussegwentement il-konvenut telaq mid-dar, u fit-8 ta' Lulju 2006 huwa mar lura lejn l-Italja u halla lill-attrici u lil binthom minuri jfendu ghar-rashom.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tghid li l-konvenut kien igib ruhhu hazin fil-konfront taghha u ta' binthom. Huwa kien egojist u aggressiv, u okkazzjonalment kien jerfa' idejh fuqha. Sadanittant, filwaqt li hija kienet tahdem biex tghajjex il-familja, huwa kien jibqa' riedet sal-12.00pm u filghaxija kien imur Paceville, fejn qabad il-vizzju tax-xorb; bir-rizultat li l-episosji ta' vjolenza da parti tal-konvenut u li fihom kienet tisfa vittma l-attrici, zdiedu. Kien ghalhekk li l-attrici kienet telqet mid-dar konjugali ghal ftit taz-zmien peress li kienet qed issofri 'sevizzi' da parti ta' zewgha, fit-termini ta' l-artikolu 40 li kienu rrendew insapportabbli l-konvivenza mieghu.

Illi pero' l-kawzali bazata fuq id-dispost ta' l-artikolu 41 ma tirrizultax, stante li mid-data tat-8 ta' Lulju 2006, meta l-konvenut telaq lil martu u lil bintu defenittivament, sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat fl-1 ta' Awissu 2007 ma lahqux ghaddew sentejn, u ghalhekk jonqos ir-rekwizit taz-zmien biex jigi sodisfatt il-vot ta' dan l-artikolu.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut, bi htija unikament ta' l-istess konvenut, hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**

Illi fil-kaz odjern jirrizulta car li l-interessi tal-minuri jiddettaw li din tibqa' fil-kura u kustodja esklussiva ta' ommha l-attrici li, nonostante l-konvivenza matrimonjali difficli ma' zewgha, hija xorta wahda hadet hsieb bintha u anke kienet harget tahdem ukoll biex ma jonqosha xejn.

Inoltre, tenut kont tac-cirkostanzi, tal-komportament ta' indifferenza da parti tal-konvenut fil-konfront ta' bintu u tal-kontenut tar-rapport tal-Psikologa tat-Tfal Denise Borg, il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwar l-access tal-konvenut fuq rikors appozitu.

**Manteniment**

Illi matul il-konvivenza l-konvenut ma kienx jghaddi flus lil martu, bir-rizultat li din kellha tohrog tahdem biex tghajjex il-familja, u thares il-bzonnijiet ta' binthom.

Jigi osservat ukoll li mill-provi jirrizulta li, ghalkemm il-konvenut bhala missier ghandu l-obbligu assolut li jikkontirbwixxu ghall-manteniment ta' bintu, dana qatt ma' hadem b' mod regolari ghax kien ghazzien, u, ghalhekk il-probabbilita' kbira hi li ma jonerax l-ordni tal-Qorti ghall-hlas ta' manteniment da parti tieghu. Fic-cirkostanzi il-Qorti ser tassenja sehem il-konvenut mill-komunjoni ta' l-akkwisti lill-attrici biex taghmel tajjeb, almenu in parte, ghall-manteniment dovut minnu lilha rigwardanti l-minuri.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi, filwaqt li l-fond numru ghaxra [10] fil-Blokk ta' flats, bl-isem "White Plains" Triq J.Quintus Bugibba, San Pawl, li kien id-dar konjugali tal-partijiet f' Malta, huwa proprjeta' parafernali ta' l-attrici, kif jirrizulta mill-kuntratt pubblikat minn Nutar Henry Saydon tal-11 ta' Novembru 1996, il-komunjoni tikkonsisti fis-segwenti assi:

[1] Vettura Fiat Punto numru BB1314, soggetta ghal loan; u

[2] Mutur AJ 96064, li l-attrici tixtieq li tbigh biex bl-intorjtu tkopri parti mill-ispejjez li qed taghmel fir-rigward ta' bintha.

Illi permezz tal-gudizzju odjern il-Qorti qed tassenja lill-attrici sehem-il konvenut mill-imsemmija effetti mobbli, akkont tal-manteniment dovut minnu lill-attrici ghat-tifla taghhom minuri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens li tafferma d-dritt li titlob, manteniment ghaliha minghand il-konvenut bhala l-parti

hatja ghas-separazzjoni;  u manteniment minghand il-konvenut ghat-tifla bhala genitur, li minnu pero' ghandu jitnaqqas nofs il-valur ta' l-imsemmija vetturi;

[4] tilqa' ir-raba' talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti."

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[6] tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Camilleri'

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------